MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 255/2002/1

**“A” f’isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta’ bintha minuri “C” u dan ordnat b’ digriet tal-5 ta’ Marzu 2002**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta’ Marzu 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zewgu fit-18 ta’ Gunju tas-sena 1974 fil-Knisja ta’ San Gejtanu gol-Hamrun u dana kif jirrizulta mill-anness certikat taz-zwieg Dok. “A”;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, “D” ta’ 26 sena, “E” ta’ 19-il sena u “C” ta’ 13-il sena;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment u ghax il-konvenut irrenda ruhu hati ta’ eccessi, sevizzi, theddid u ngurji gravi fil-konfront ta’ l-attrici;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni skond digriet tas-Sekond’Awla li ggib id-data tat-13 ta’ Novembru 2001, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa bhala Dok. “B”;

Illi l-konvenut huwa vjolenti w aggressivi u l-attrici u bintha minuri m’ ghandhomx fejn imorru jghixu band’ ohra u ma jistghux ihallsu kera ta’ post iehor u ghalhekk hemm bzonn li d-dar konjugali tkunu okkupata esklussivament mill-attrici u minn bintha minuri;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputtabbli lill-konvenut u cioe, eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata minn ma’ zewgha;

3. Tordna l-kura u kustodja tat-tifla minuri “C” tigi fdata lill-attrici, salv l-access tal-konvenut fil-granet u hinijiet u taht il-modalijiet stabbilit appozitament mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghal imsemmija tifla “C”, dik ir-retta alimentari xierqa w adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici u ta’ bintha “C”, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu, fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti;

5. Tistabilixxi d-data li minnha l-konvenut ghandu jitqies hati ghar-ragunijiet li wasslu ghall-frida;

6. Tapplika kontra l-konvenut interment jew in parti, il-komminazzjonijiet kontemplati fl-**artikolu 51, 40, 48 u 52 tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti u tordna li l-istess oggetti formati parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg prozjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti *in vista, inter alia*, tad-dati tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita' mill-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat minnha li kien hati tal-firda, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, *okkorrendo* ghal finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni u Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lil eventwali kontumacji fuq l-istess att;

8. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u tordna li l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

9. Tordna li d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici, *a tenur* ta' l-**artikolu 55A tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez inkluz dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat ir-rikors (1) tal-attrici datat 4 ta' Marzu 2002, a fol. 9, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tikkonfermaha bhala kuratrici *ad litem* ta' l-istess bintha

minuri “C” ghal fini ta’ din ic-citazzjoni u ghall-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet datat 5 ta’ Marzu 2002, a fol. 10, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Mejju 2002 fejn Dr. Veronica Galea Debono ghall-attrici tat ruhha b’ notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ “B” datata 23 ta’ Mejju 2002 a fol. 16 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi jaqbel li l-hajja konjugali saret impossibbli izda dan unikament minhabba tortijiet gravi imputabbli lill-attrici u li dwarhom il-konvenut qed jipprevali ruhu mill-fakolta lilu moghtija mill-Ligi u jressaq il-kontro talba opportuna;

2. Illi jaqbel mat-tieni talba attrici salv li l-obbligu ta’ koabitazzjoni tigi terminata ghaz-zwieg partijiet;

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda *stante* li m’ huwiex fl-interess tal-minuri li tigi affidata fil-kura u kustodja tal-attrici;

4. Illi r-raba’ talba attrici ghandha wkoll tigi michuda in kwantu li tirreferi ghall-manteniment tal-attrici skond il-Ligi filwaqt li l-attrici hija obbligata wkoll tmanti lil bintha;

5. Illi l-hames talba attrici ghandha tigi michuda *stante* li l-eccipjent mhux hati tal-firda;

6. Illi s-sitt talba attrici ghandha wkoll tigi michuda *stante* li l-eccipjent mhux hati ta’ ebda tort lilu addebitat u m’ ghandu jikkomina f’ ebda penali;

7. Illi jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi xjolta u likwidata izda b’ kull riseva u hlas tal-krediti parafernali li jgawdi l-istess ecipjent;

8. Illi t-tmien talba ma treggix *stante* li l-attrici ma kellha ebda beni dotali;

9. Illi d-disa' talba attrici ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt;

10. Illi m' ghandux fic-cirkostanzi jbaghti l-ispejjez tal-kawza;

11. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 17 u fol. 18 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** rikonvenzzjonant, datata 23 ta' Mejju 2002, a fol. 18 tal-process fejn gie premess:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena 1974 u miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal li minnhom, "C" ghadha minorenni;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci w ingurji gravi kommessi kontra l-esponent minn martu l-attrici u minhabba li l-hajja matrimonjali tfarrket irrimedjabbilment;

Illi l-esponent qed jipprevali ruhu mill-jhedd li jipprocedi f' din l-istanza b' **kontro talba** u talab lill din il-Qorti sabiex:-

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Scerri ghar-ragunijiet premessi mputabbli lill-attrici ta' sevizzi, eccessi, minacci, u ngurji gravi kommessi kontra l-esponenti kif fuq premess, u minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Taffida l-kura w il-kustodja tal-minuri "C" lill-konvenut jew konguntivament f' idejn il-partijiet b' dawk il-modalitajiet kollha li huma xierqa;

3. Tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut bhala manteniment ghal binthom minuri retta

alimentarja b' dawk il-modalitajiet ta' ammont u hlas li jidrulha xierqa;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bil-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill-istess attrici, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita' data bhala d-data tal-firda b' tali mod li l-attrici titlef kull jhedd skond il-Ligi u billi l-attrici tigi ddikjarata unikament u esklusivament responsabbli ghad-dejn u obbligazzjonijiet minnha assunti minn dik id-data billi wkoll jigu akkreditati lill-konvenut kull kredita parafernali tieghu, u dan *okkorrendo* b' opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relativ u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tapplika kontra l-attrici interament jew in parti d-dispsizjonijiet ta l-**artikoli 40, 48 u / jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. Tal-Ligijiet ta' Malta)**;

6. Tawtorizza lill-esponent sabiex jabita fid-dar *ad eskluzjoni* tal-attrici rikonvenzjonata li ghandha tigi ordnata li tivvaka d-dar matrimonjali fi zmien perentorju li jigi lilha prefiss u b' dawk il-modalitajiet kollha li jidrulha xierqa;

7. Tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex thallas jew tikkonsenja lil-konvenut skond il-kaz il-krediti u proprjeta parafernali tieghu;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kontra l-attrici ngunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzzjonat u l-lista tax-xhieda a fol. 20 u fol. 21 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata datata 12 ta' Gunju 2002, a fol. 23, fejn ecepit bir-rispett:

1. Illi hi taqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Scerri, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-konvenut “B” u cioe, eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi, u ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Illi hi ma taqbilx illi l-kura u kustodja tal-minuri “C” ghandha tigi fdata jew lill-konvenut jew konguntivament f’ idejn il-partijiet b’ dawk il-modalitajiet kollha li huma xierqa, u l-kura u kustodja tat-tifla minuri ghandha tigi fdata lill-esponenti biss, salv l-access tal-konvenut fil-granet u hinijiet u taht il-modalitajiet stabbiliti appozitament mill-Qorti;

3. Illi hi m’ ghandhiex tigi ordnata sabiex thallas lill-konvenut bhala manteniment ghal binthom minuri retta alimentarja, u dana anki fid-dawl tat-tieni eccezzjoni taghha;

4. Illi hija taqbel li tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u li l-Qorti tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti u tordna l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’ zewg porzjonijiet u illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill-esponenti, bil-mod kif gja ntalab fic-citazzjoni principali ta’ l-eccipjenti.

5. Il-Qorti m’ ghandhiex tapplika kontra l-esponenti la interament u lanqas in parti d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 40, 48 u / jew 50 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);**

6. Illi l-esponenti m’ghandhiex tigi ordnata li tivvaka mid-dar matrimonjali fi zmien perentorju li jigi lilha prefiss u b’ dawk il-modalitajiet kollha li jidrulha xierqa, *invece* hi ghandha tigi awtorizzata sabiex tabita fid-dar matrimonjali flimkien ma’ bintha minuri *ad eskluzjoni* tal-konvenut, u dana ghaliex il-konvenut jagixxi b’ mod aggressiv u vjolenti fil-konfront tal-esponenti, u minhabba li l-esponenti m’ ghandhiex fejn tmur toqghod;

7. Illi l-krediti u proprjeta' parafernali tal-konvenut diga' jinsabu f'idejn il-konvenut li ghandu l-pjena amministrazzjoni taghhom, u ghalhekk m' ghandhiex tigi ordnata sabiex thallas jew tikkonsenja l-istess lill-konvenut;

8. Illi l-ispejjez kollha ta' din il-kontro-talba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut;

9. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici rikonvenzjonata u l-lista tax-xhieda a fol. 24 u fol. 25 tal-process.

Rat il-verbal tal-Qorti datat 20 ta' Gunju 2002, fejn inghata digriet sabiex il-partijiet iressqu l-provi kollha taghhom bil-proceduta ta' l-affidavits b'terminu ta' hamsin (50) jum kull wiehed. Il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex wara tali terminu jiffissa erba' (4) seduti ghall-provi kolli li jkun fadal tal-partijiet .

Rat in-nota tal-attrici **"A"** datata 30 ta' Lulju 2002, a fol. 28, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta' **Joseph Scerri**, ta' **Gaetana sive Gaeta Gauci** u ta' **Albert Gauci**.

Rat ir-rikors (2) tal-attrici datat 6 ta' Novembru 2002, a fol. 40, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex in esekuzzjoni tad-digriet tas-Sekond' Awla datata 13 ta' Novembru 2001, joghgobha tordna lic-*Chief Government Medical Officer*, bhala kap tad-Dipartiment tas-Sahha, sabiex ihallas lill-attrici direttament mis-salarju tad-debitur konvenut "B", *a tenur* tal-**artikolu 381 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, ammont ta' erba' mija u hamsa u tlettin lira (Lm435) ghal darba wahda biss biex jaghmel tajjeb ghall-arretrati dovuti s' issa, u s-somma ta' hamsin lira (Lm50) fil-gimgha biex taghmel tajjeb ghall-manteniment fuq imsemmi mill-lum 'l quddiem.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Novembru 2002, fejn provizorjament il-Qorti ordnat li r-rati ta' manteniment jkunu skond l-imsemmi Digriet, u kemm ghall-attrici u

kemm ghall-minuri tinqata' direttament mill-paga tal-intimat mill-*employer* tieghu, u tintbaghat fl-indirizz tar-rikorrenti u ghalhekk giet ordnata n-notifika ta' l-istess rikors, u digriet imsemmi u d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili lill-istess *employer* tal-konvenut, tali notifika a karigu ta' l-istess rikorrenti. Gew ordnati wkoll in-notifiki ta' l-istess rikors u Digriet provizorju lill-kontro-parti, b' jumejn zmien ghar-risposta, f'liema risposta l-konvenut kellu jiddikjara bil-gurament tieghu, jekk kienx hallas il-manteniment kollu *pendente lite* lir-rikorrenti, u fin-nuqqas kellu jiddikjara kemm ir-rata ta' manteniment ma hallasx, u allura jekk l-ammonti ta' arrettrati dikjarati li ma thallsux mir-rikorrenti kienux korretti.

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 2 ta' Dicembru 2002 u d-dokumenti esebiti maghha minn fol. 43 sa fol. 55.

Rat id-Digriet datat 3 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti kkonfermat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili w ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamsin lira (Lm50) bhala alimenti provizzorji kwantu ghal hamsa u tletin Lira Maltija (Lm35) ghal attrici u kwantu ghall-hmistax-il Lira Maltija (Lm15) ghall-minuri, u kkonfermat d-Digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2002 ghall-ewwel talba u laqghat ukoll il-kumplament tat-talba attrici w ordnat in-notifika ta' l-istess Digriet lill-C.G.M.O. a spejjez tar-rikorrenti l-attrici.

Rat in-nota tal-konvenut **"B"** datata 7 ta' Novembru 2002, a fol. 57, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenut datat 2 ta' Dicembru 2002, a fol. 67, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tvarja d-Digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 2001 in kwantu li dan jipprovdi ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite* lil martu l-attrici u dana billi:

1. Tiddikjara li l-jhedd tal-mara ghall-manteniment spicca meta abbandunat id-dar konjugali fit-02 ta' Settembru 2002, jew;

2. Sussidjarjament tnaqqas il-manteniment lilha akkordat *pendente lite* tenut kont tal-fatt li martu minn jheddha ddecidiet li tittermina l-prestazzjonijiet u tikser il-kondizzjonijiet fuqha mposti ghal dan il-manteniment;

3. U dana kollu b’ effett mit-2 ta’ Settembru 2002 meta martu abbandunat id-dar konjugali.

Rat id-Digriet datat 2 ta’ Dicembru 2002, a fol. 70, fejn il-Qorti kkonfermat id-Digriet moghti fis-6 ta’ Novembru 2002 u cahdet it-talba tar-rikorrenti l-konvenut odjern.

Rat ir-rikors (3) tal-Avukat Dr. Veronica W. Galea Debono, datat 24 ta’ Jannar 2003, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joghgobha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra, liema data jekk possibbli ma tkunx bejn is-17 ta’ Frar 2003 u l-21 ta’ Frar 2003.

Rat id-Digriet datat 29 ta’ Jannar 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Jannar 2003 a fol. 76 tal-process.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti invista tar-rikors tal-attrici ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex sa l-ahhar ta' April jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici. Ordnat ukoll lill-Assistent Gudizzjarju biex wara tali seduti jiffissa erba' seduti ohra sal-ahhar ta' Novembru 2003 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut.

Rat ir-rikors (2) tal-konvenut datat 31 ta’ Jannar 2003, a fol. 79, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tordna li jkollu access ghal bintu “C” darbtejn fil-gimgha fil-gurnata li hu jkun *off*, u cioe’ ghal saghtejn meta din tkun gurnata ta’ l-iskola u tlett sighat meta din tkun gurnata fil-*weekend* jew tal-festi.

Rat id-digriet datat 3 ta’ Frar 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b’ jumejn (2) zmien ghar-risposta u s-suggerimenti taghha fuq l-istess.

Rat id-Digriet datat 27 ta' Frar 2003, fejn il-Qorti rat li ghal kemm ir-rikors gie notifikat ma giet prezentata l-ebda risposta, u laqghat it-talba b' dan li l-attrici kellha tinghata pre-avvizi decenti u ragonevoli dwar l-istess granet fil-gimgha.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 14 ta' Frar 2003.

Rat id-Digriet datat 3 ta' Marzu 2003, fejn il-Qorti rrevediet id-Digriet taghha fid-dawl tar-risposta ta' l-attrici, pero' hasset li fic-cirkostanzi kellha tikkonferma d-Digriet taghha tas-27 ta' Frar 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia fil-4 ta' Gunju 2003, fejn xehdu **Paul Gambina**, **"E" Scerri** u **Anthony Spiteri** u fit-3 ta' Lulju 2003 fejn xehdu **Anthony Griscti** u l-konvenut **Carmelo Scerri**.

Rat ir-rikors (4) tal-konvenut datat 14 ta' Novembru 2003, fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex joghgobha tawtorizza lil Perit Legali sabiex izomm is-seduti ordnati u tipprovdi ghall-finali trattazzjoni fi stadju ulterjuri.

Rat id-Digriet datat 18 ta' Novembru 2003, fejn il-Qorti laqghet it-talba, b' dan li wara tali seduti l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat il-verbal datat 3 ta' Dicembru 2003 fejn l-Qorti konfermat id-digriet taghha tat-18 ta' Novembru 2003. Tali tlett seduti kellhom jinzammu mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal datat 25 ta' Mazru 2005, fejn il-kawza giet differita ghal ahhar darba ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal datat 7 ta' Ottubru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal datat 18 ta' Jannar 2005 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland prezentat nota li permezz taghha irrinunzjat ghall-patrocinju tal-konvenut. Il-konvenut gie

imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex jirritorna l-process u ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa, b'fakolta' li l-partijiet jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet b'terminu ta' tlettin (30) gurnata.

Rat ir-rikors (5) tal-konvenut datat 8 ta' Frar 2005 fejn talab bir-rispett lil din il-Qorti biex tvarja *contrario imperio* d-Digriet taghha tat-18 ta' Jannar 2004 u tordna minflok li jigu ffissati tlett seduti ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-konvenut u sabiex jinghata l-opportunita' jaghmel il-kontro-ezamijiet tal-attrici u tax-xhieda mressqa minnha u dan salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jihdrilha xieraq u opportun.

Rat id-digriet datat 9 ta' Frar 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-attrici datata 7 ta' April 2005 fejn opponiet ghall-istess ghar-ragunijiet hemm indikati a fol. 111 sa fol. 112 tal-process.

Rat id-Digriet datat 20 ta' April 2005 fejn il-Qorti cahdet it-talba *stante* li kif deher mill-process, il-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu inkluzi digrieti datati 29 ta' Jannar 2003, 18 ta' Novembru 2003 fuq rikors tieghu datat 14 ta' Novembru 2003, 3 ta' Dicembru 2003, 25 ta' Marzu 2004, 7 ta' Ottubru 2004 u kien wara dan kollu li fit-18 ta' Jannar 2005 u d-difensur tieghu Dr Lorraine Schembri Orland irrinunzjat ghall-patrocinju tieghu, bla ma deher il-konvenut, li l-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa bil-fakolta' lil kull parti tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fit-terminu hemm indikat. Deher ghalhekk li l-konvenut kien qed jabbuza bil-proceduri tal-Qorti u dan skond l-istess digriet a fol. 114 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 23 ta' Frar 2005, li permezz taghha elenkat fil-qosor il-pretensjonijiet taghha minn fol. 115 sa fol. 117 tal-process.

Rat il-verbal datat 9 ta' Marzu 2005, fejn Dr Ilona Debono nfurmat lill-Qorti li pprezentat rikors sabiex jigu ffissati tlett seduti biex il-konvenut jaghlaq il-provi tieghu, fejn talbet ukoll stima tal-immobbli u mobbli. Dr Veronica Galea Debono tat ruhha b'notifikata bir-rikors tat-8 ta' Frar 2005 u opponiet ghall-istess, u dan peress illi l-konvenut inghata zewg termini appositi biex jaghlaq il-provi tieghu, liema termini ghalqu fl-ahhar ta' Novembru 2003 u estiza ghal perjodu ulterjuri sa Jannar 2004. Illi matul din is-sena u tlett xhur il-konvenut li kien ippatrocinat minn Dr Lorraine Schembri Orland qatt m'ghamel talba biex jiehu estensjoni ohra biex itella' l-provi tieghu, qatt ma talab aktar seduti, u qatt ma wera nteress fil-prosegwiment tal-kawza. Kien biss fl-ahhar xahar u cjoe lejliet il-gurnata fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni li deherlu li ghandu jerga' jiftah il-kawza mill-gdid u dan b'kapricc tieghu. Il-konvenut mistoqsi mill-Qorti kkonferma bil-gurament li ghandu kontijiet bankarji mal-BOV (Hamrun) - FCA ta xi Lm3,000, u *savings account* ta' circa Lm5,000 li minnhom hemm Lm3,800 f'wirt. L-attrici qalet li ghandha biss *savings account* fil-BOV (Hamrun) li fih biss circa Lm30. Il-Qorti rriservat li tipprovdi dwar ir-rikors dwar is-seduti. Dr Debono insistit ghal nomina ta' Perit Tekniku. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-Perit Mario Cassar sabiex a spejjez tal-konvenut jaghmel stima tal-fond Block E, Flat 1, Bezzina Buildings, Villambrosa Street, Hamrun.

Rat in-nota tal-konvenut datata 21 ta' Lulju 2005 li permezz taghha elenka fil-qosor il-pretensjonijiet tieghu.

Rat il-verbal datat 22 ta' Gunju 2005 fejn deher il-Perit Tekniku Mario Cassar li halef ir-rapport. Dr Ilona Debono ghall-konvenut infurmat lill-Qorti li prezentat nota ta' osservazzjonijiet. Dr Veronica Galea Debono kienet msejha diversi drabi baqghet ma dehritx.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Mario Cassar minn fol. 142 sa fol. 148 tal-process fejn indika li l-fnd Block E, Flat 1, Bezzina Buildings, Villambrosa Street, Hamrun huwa stmat fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf lira Maltija (Lm42,000) tali rapport datat 19 ta' April 2005 u mahluf fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2005.

Rat in-nota tal-konvenut datata 22 ta’ Lulju 2005, a fol. 149.

Rat in-nota ulterjuri ta’ l-attrici datata 24 ta’ Ottubru 2005.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Ottubru 2005, fejn il-konvenut ikkonferma l-istess nota tat-22 ta' Lulju 2005 bil-gurament tieghu, li hija bbazata fuq informazzjoni li huwa gab mill-ufficcju tas-Social Services tal-Hamrun u kellu johrog bil-pensjoni fid-9 ta' Mejju 2006. Il-Qorti ordnat lill-konvenut jissostanza dak li prezenta b'nota dwar il-pensjoni tieghu permezz ta' dokument awtentiku u ufficjali fi zmien ghoxrin (20) jum bil-visto/notifika lill-kontroparti. Dr Galea Debono talbet l-isfilz tad-dokument "A" a fol 134 tal-process u tad-dokumenti "C" a fol 137 "D" a fol 138 u dan peress li gew prodotti wara l-gheluq tal-provi u lanqas kien hemm referenza ghalihom fil-provi. Il-Qorti tat terminu lill-konvenut b'ghaxart ijiem biex jirrispondi ghal din it-talba ghall-isfilz ta' dokumenti. Tali risposta kellha tigi notifikata lill-kontroparti li jkollha 20 jum biex tirreplika. Dr Veronica Galea Debono biss sabiex il-kawza tkun tista' tmur ghas-sentenza, qed liberalment tirtira t-talba taghha ghall-isfilz u rtiratha dment li ma jigux prodotti provi godda. Dr Ilona Debono *invista* ta' dan ikkonfermat li kienet ser tesebixxi biss dokument ufficjali ordnat mill-Qorti. Dr Veronica Galea Debono obbligat ruhha li tghaddi kopja tan-nota ulterjuri ta' l-attrici lil Dr Ilona Debono. Dr Ilona Debono wara li rat in-nota ulterjuri rrimettit ruhha ghad-decizzjoni tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat in-nota tal-konvenut datata 2 ta’ Novembru 2005 fejn esebixxa d-dokument “X” a fol. 156 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 14 ta’ Dicembru 2005.
Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet fejn kull parti qed tallega li r-responsabilita’ tas-separazzjoni hija tal-parti l-ohra. Din il-Qorti sejra tiddeciedi fuq din il-pendenza fid-dawl tal-provi prodotti, inkluz il-komportament tal-partijiet waqt il-kawza u minn ezami bir-reqqa ta’ l-istess din il-Qorti thoss li gie ampjament ippruvat li l-attrici ppruvat l-allegazzjonijiet kollha taghha fis-sens li kien l-agir tal-konvenut li wassal ghal din il-firda ta’ din il-kopja, liema agir tal-konvenut kien u baqa’ jikkonsisti f’eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi fil-konfront ta’ l-attrici, u dan peress li l-istess konvenut ghal tul konsiderevoli ta’ snin li baqa’ sejjer sahanistra fil-mori tal-kawza kien vjolenti *verso* l-attrici u uliedu. Tant li fil-pendenza ta’ dawn il-proceduri l-istess attrici sabiex tipprotegi ruhha kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali u tmur tghix band’ohra.

Illi din il-prova saret permezz ta’ l-affidavit attrici li huwa dettaljat sew dwar il-martirju li litteralment kellha tissubixxi l-attrici minhabba l-agir tal-konvenut, fejn hija tiddiskrivi lil zewgha bhala bniedem *“agressiv u vjolenti, miggieled ma’ kulhadd”* u fejn fl-istess affidavit taghti stampa cara tal-vjolenza perpetwata fuqha mill-konvenut, u l-biza li hija tixhed dwarha sakemm damet tghix mieghu, anke minhabba t-theddid li kellha tircievi minghandu, apparti l-insulti kontinwi u t-tentattiv tieghu li jiddomimha lill-istess attrici anke billi kien izzomha nieqsa finanzjarament; hemm diversi ezempji ta’ dan fosthom meta l-istess attrici kellha bzonn intervent mediku serju u l-konvenut qalilha *“ma’ jsibulhekx xi haga ha jehisluni minnek!”* L-attrici tirrakonta wkoll kif kienet torqod dejjem imbezza li ma’ jmurx jaghmilha xi haga, tant li ghal dan kollu ma felhitx izjed u filwaqt li ghamlet l-affidavit taghha fit-30 ta’ Lulju 2002, hija telqet mid-dar konjugali fit-2 ta’ Settembru 2002 u r-reazzjoni tal-konvenut ghal dan hija verament sintomatika ta’ l-agir abbusiv tieghu, ghaliex permezz ta’ rikors *pendente lite* datat 2 ta’ Dicembru 2002 talab li l-manteniment tieghu ta’ l-attrci jieqaf, talba li naturalment giet michuda b’digriet ta’ din il-Qorti datat 3 ta’ Dicembru 2002.

Ill veru li l-konvenut baqa' jichad li huwa kien vjolenti fil-konfront ta' l-attrici, izda n-natura aggressiva teghu tinsab ikknfermata mix-xhieda ta' missier il-konvenut stess Joseph Scerri fl-affidavit tieghu datat ukoll 30 ta' Lulju 2002, u mix-xhieda ta' iben il-partijiet "E" Scerri li ta x-xhieda tieghu fis-seduta quddiem l-Assistent Gudzzjarju datata 4 ta' Gunju 2003. L-istess xhieda tikkonferma kif l-istess konvenut kien izomm ukoll il-familja nieqsa mill-finanzi u l-istess komportament tal-konvenut gie wkoll accentwat fil-mori ta' din il-kawza fejn jidher li kien hemm zmien meta l-istess konvenut ma kienx lanqas qed jonora d-digriet ghall-hlas ta' manteniment moghti favur l-attrici u il-minuri mis-Sekond'Awla tal-Qorti b'dan li din il-Qorti kellha tipprovdi ghal dan permezz ta' digrieti taghha tas-7 ta' Novembru 2002 u dak datat 3 ta' Dicembru 2002 fejn gie ordnat li l-manteniment decretat jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-employer tieghu *ic-Chief Government Medical Officer,* u hawn il-Qorti tirreferi ghad-digrieti taghha rispettivi a fol. 42 u 56 tal-process.

Illi dwar kura u kustodja tal-minuri minuri "C" fic-crikostanzi din il-Qorti thoss li ghandha tafda l-kura u kustodja ta' l-istess sakemm tibqa' minuri lill-attrici b'access favur il-konvenut kif jidher li sallum gie miftiehem ma' l-istess minuri, li pero' minhabba l-eta' taghha ghandha tkun libera li taghzel jekk tattendiex ghall-istess access jew le.  Il-partijiet ghalhekk ghandhom ihallu lill-istess minuri f'din il-liberta' li taghzel hija, b'dan li din il-Qorti tirrakomanda lill-minuri sabiex tkompli bl-istess access. Tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez tal-partijiet l-istess Agenzija permezz ta' social worker taghha tfiehem lill-minuri d-drittijiet taghha skond din id-decizjoni u wkoll timmonitorja s-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri.

Ill dwar manteniment din il-Qorti tikkonferma li l-istess konvenut ghandu l-obbligu li jhallas manteniment ghall-martu u bintu minuri u l-Qorti tikkonferma l-manteniment attwali ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha, kwantu ghall-hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha ghall-

attrici u hmistax il-lira Maltija (Lm15) fil-gimgha ghall-minuri. Meta l-istess minuri ssir maggoreni u l-konvenut ikun ghadu bl-impjieg tieghu attwali, l-konvenut ghandu jibqa’ jissoministra manteniment favur l-attrici fl-ammont ta’ hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) fil-gimgha b’dan pero’ li jekk l-konvenut jirtira bl-eta’ u is-sitwazzjoni tkun kif indikata fid-dokument tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali tal-25 ta’ Otturbru 2005 iffirmat minn Emanuel Deguara ghad-Direttur (Sigurta’ Socjali) (fol.156), l-konvenut ikun obbligat li b’effett mill-istess data ta’ l-irtirar ihallas lill-attrici l-ammont ta’ manteniment ta’ hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha, u dan il-pagamenti kollha ghandhom isiru permezz ta’ pagamenti fir-residenza ta’ l-attrici kull erba’ gimghat bil-quddiem fir-residenza ta’ l-attrici u l-istess ghandu jsir billi l-istess manteniment hawn ordnat ghandu jitnaqqas direttament mill-paga jew il-pensjoni tal-konvenut, skond il-kaz, mill-employer tal-konvenut jew l-Awrorita’ kompetenti li thallas il-pensjoni. Ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna li l-attrici a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-*employer* tal-konvenut u eventwalment lill-Awtorita’ li thallas il-pensjoni tal-konvenut, tali notifika a spejjez attrici.

III dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din il-Qorti thoss li l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi likwidata u diviza b’dan il-mod anke *arbitro boni viri* u dan billi il-fond Block E, Flat 1, Bezzina Bulidings, Villa Ambrosa Street, Hamrun, stmat li jiswa mill-perit tekniku Mario Cassar l-ammont ta’ tnejn u erbghin elf lira Maltija (Lm42,000) ghandu jinbiegh in subasta b’dan li mir-rikavat l-attrici ghandha tithallas l-ammont ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) rapprezentanti kumpens ghall-valur ta’ l-ghamara li qed tigi assenjata lill-konvenut permezz ta’ din is-sentenza, kif ser jigi spejgat aktar il-quddiem f’din s-sentenza, u il-bilanc mir-rikavat ta’ l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Din il-Qorti tordna li l-istess fond ma ghandux jitiqies izjed bhala d-dar matrimonjali, u l-istess konvenut ghandu jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, tordna wkoll li l-konvenut ikun responsabbli ghal kull hlas ta’ uzu ta’ servizzi ta’ l-istess dar, inkluzi dawl u

ilma, telefon, kera ta’ l-istess u kull servizz iehor li gie uzat fl-istess dar u dan sad-data meta effittavament l-istess konvenut johrog u ma’ jibqax joqghod fl-istess dar, u dan konsidrat il-fatt li almenu mit-2 ta’ Settembru 2002, l-istess konvenut kien qed jokkupa l-istess dar wahdu.

Ill dwar mobbli l-istess attrici qed tigi assenjata l-kamra tas-sodda tat-tifel u tat-tifla u l-video recorder, filwaqt li l-ghamara kollha l-ohra li tinsab elenkata fid-Dokument “ASF” a fol. 118 tal-process, u l-vettura tal-marka Skoda qed tigi assenjata lill-konvenut u dan anke peress li l-istess mobbli u vettura baqaw f’idejh esklussivament almenu mid-data tat-2 ta’ Settembru 2002, b’dan pero’ li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala kumpens ghal sehma mill-istess ghamara u vettura li l-istess konvenut baqa’ wkoll igawdi fil-mori tal-kawza. L-istess ammont ghandu jithallas mill-konvenut mir-rikavat tal-bejgh ta’ l-immobbli fuq deskritta, kif premess.

Illi kwantu ghall-kontijiet bankarji f’isem il-partijiet, jew wiehed jew wahda minnnhom, l-istess kontijiet u depositi bankarji, anke f’isem kull parti, inkluzi dawk depozitati fil-Bank of Valletta p.l.c. konsistenti f’*foreign currency account* (Fergha tal-Hamrun) u *savings account* indikati fil-verbal tad-9 ta’ Marzu 2005 ghandu jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. F’ dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet ta’ l-attrici fin-nota ulterjuri taghha ta’ l-24 ta’ Ottubru 2005 u in partiklari paragrafu 7 ta’ l-istess (fol.152), u tiddikjara li l-istess dokumenti Dok. “C” u Dok. “D” ma’ jikkostitwux prova skond il-ligi apparti li gew ipprezentati abbusivament u minghajr il-permess tal-Qorti u ghalhekk din il-Qorti qed tordna wkoll l-isfilz taghhom mill-process.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad is-sitt u s-seba’ talba attrici u**

**tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn premess b’dan illi:-**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputtabbli lill-konvenut u cioe, eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi u li kawza ta’ l-istess agir abbusiv *da parte* tal-konvenut iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma’ zewgha kif fil-fatt gja qed taghmel b’effett mit-2 ta’ Settembru 2002;

3. Tordna l-kura u kustodja tat-tifla minuri “C” tigi fdata lill-attrici, salv l-access favur il-konvenut kif jidher li sa llum gie miftiehem ma’ l-istess minuri, li pero’ minhabba l-eta’ taghha ghandha tkun libera li taghzel jekk tattendiex ghall-istess access jew le, u l-partijiet ghalhekk ghandhom ihallu lill-istess minuri f’din il-liberta’ li taghzel hija, b’dan li din il-Qorti tirrakkomanda lill-minuri sabiex tkompli bl-istess access. Tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez tal-partijiet l-istess Agenzija permezz ta’ social worker taghha tfiehem lill-minuri d-drittijiet taghha skond din id-decizjoni u wkoll timmonitorja s-sitwazzjoni fl-interess ta’ l-istess minuri;

4. Tilqa’ din it-talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghal imsemmija tifla “C”, l-manteniment attwali ta’ hamsin lira Maltija (Lm50) fil-gimgha, kwantu ghall-hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha ghall-attrici u hmistax-il lira Maltija (Lm15) fil-gimgha ghall-minuri. Meta l-istess minuri ssir maggorreni u l-konvenut ikun ghadu bl-impjieg tieghu attwali, l-konvenut ghandu jibqa’ jissoministra manteniment favur l-attrici fl-ammont ta’ hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) fil-gimgha; b’dan pero’ li jekk il-konvenut jirtira bl-eta’ u is-sitwazzjoni tkun kif indikata fid-dokument tad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali tal-25 ta’ Otturbru 2005 iffirmat minn Emanuel Deguara ghad-Direttur (Sigurta’ Socjali) (fol.156), il-konvenut ikun obbligat li b’effett mill-istess data ta’ l-irtirar ihallas lill-attrici l-ammont ta’ manteniment

ta' hamsa u tlettin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha, u dawn il-pagamenti kollha ghandhom isiru permezz ta' pagamenti fir-residenza ta' l-attrici kull erba' gimghat bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici u l-istess ghandu jsir billi l-istess manteniment hawn ordnat ghandu jitnaqqas direttament mill-paga jew il-pensjoni tal-konvenut, skond il-kaz, mill-*employer* tal-konvenut jew l-Awrorita' kompetenti li thallas il-pensjoni, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna li l-attrici a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-konvenut u eventwalment lill-Awtorita' li thallas il-pensjoni tal-konvenut, tali notifika a spejjez attrici;

4. Tistabilixxi d-data li minnha l-konvenut ghandu jitqies hati ghar-ragunijiet li wasslu ghall-firda u dan mill-1 ta' Marzu 2002;

5. Tilqa' din it-talba u tapplika kontra l-konvenut interament il-komminazzjonijiet kontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kodici Civili tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti b'dan il-mod anke *arbitro boni viri* u dan billi tordna li l-fond Block E, Flat 1, Bezzina Bulidings, Villa Ambrosa Street, Hamrun, ghandu jinbiegh in subbasta b'dan li mir-rikavat l-attrici ghandha l-ewwel tithallas l-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) rapprezentanti kumpens ghall-valur ta' l-ghamara li qed tigi assenjata lill-konvenut permezz ta' din is-sentenza, kif gie spjegat aktar il-fuq f'din s-sentenza, u l-bilanc mir-rikavat ta' l-istess jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet. Din il-Qorti tordna li l-istess fond ma ghandux jitiqies izjed bhala d-dar matrimonjali, u l-istess konvenut ghandu jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Tordna wkoll li l-konvenut ikun responsabbli ghal kull hlas ta' uzu ta' servizzi ta' l-istess dar, inkluzi dawl u ilma, telefon, kera ta' l-istess u kull servizz iehor li gie uzat fl-istess dar u dan sad-data meta effittavament l-istess konvenut johrog u ma jibqax joqghod fl-istess dar, u dan konsidrat il-fatt li

almenu mit-2 ta' Settembru 2002, l-istess konvenut kien qed jokkupa l-istess dar wahdu.

Illi dwar mobbli l-istess attrici qed tigi assenjata l-kamra tas-sodda tat-tifel u tat-tifla u l-*video recorder*, filwaqt li l-ghamara kollha l-ohra li tinsab elenkata fid-Dokument "ASF" a fol. 118 tal-process, u l-vettura tal-marka Skoda qed tigi assenjata lill-konvenut u dan anke peress li l-istess mobbli u vettura baqghu f'idejh esklussivament almenu mid-data tat-2 ta' Settembru 2002, b'dan pero' li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala kumpens ghal sehma mill-istess ghamara u vettura li l-istess konvenut baqa' wkoll igawdi fil-mori tal-kawza. L-istess ammont ghandu jithallas mill-konvenut mir-rikavat tal-bejgh ta' l-immobbli fuq deskritta, kif premess u hawn deciz.

Illi kwantu ghall-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet, jew wiehed jew wahda minnnhom, l-istess kontijiet u depositi bankarji, anke f'isem kull parti, inkluzi dawk depozitati fil-Bank of Valletta p.l.c. konsistenti f'*foreign currency account* (Fergha tal-Hamrun) u *savings account* indikati fil-verbal tad-9 ta' Marzu 2005 ghandu jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet;

6. Tichad din it-talba peress li hemm nuqqas ta' provi dwar l-istess;

7. Tichad din it-talba u dan wkoll peress li jirrizulta li bl-agir taghha l-istess attrici jidher li rrinunzjat ghall-istess talba b'dan pero' li l-Qorti tikkonferma dak indikat f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut u dan biss fejn l-istess huwa kompattibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-tielet, il-hames, is-sitt u seba' talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu u tilqa' t-talbiet l-ohra tal-konvenut fil-**

**kontro-talba tieghu biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-**

1. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li qed tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Scerri ghar-ragunijiet biss imputabbli lill-konvenut konsistenti eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi u li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment;

2. Tichad din it-talba b'dan li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri "C" lill-attrici b'access favur il-konvenut kif jidher li sa llum gie miftiehem ma' l-istess minuri, li pero' minhabba l-eta' taghha ghandha tkun libera li taghzel jekk tattendiex ghall-istess access jew le, u l-partijiet ghalhekk ghandhom ihallu lill-istess minuri f'din il-liberta' li taghzel hija, b'dan li din il-Qorti tirrakkomanda lill-minuri sabiex tkompli bl-istess access. Tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg sabiex a spejjez tal-partijiet l-istess Agenzija permezz ta' *social worker* taghha tfiehem lill-minuri d-drittijiet taghha skond din id-decizjoni u wkoll timmonitorja s-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri;

3. Tichad din it-talba *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u qed tigi applikata kontra l-konvenut id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16;**

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti b'dan il-mod anke *arbitro boni viri* u dan billi tordna li l-fond Block E, Flat 1, Bezzina Buildings, Villa Ambrosa Street, Hamrun, ghandu jinbiegh in subbasta b'dan li mir-rikavat l-attrici ghandha l-ewwel tithallas l-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) rapprezentanti kumpens ghall-valur ta' l-ghamara li qed tigi assenjata lill-konvenut permezz ta' din is-sentenza, kif gie spjegat aktar il-fuq f'din s-sentenza, u l-bilanc mir-rikavat ta' l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Din il-Qorti tordna li l-istess fond ma ghandux jitiqies izjed bhala d-dar matrimonjali, u l-istess konvenut ghandu jizgombra mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90)

gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Tordna wkoll li l-konvenut ikun responsabbli ghal kull hlas ta' uzu ta' servizzi ta' l-istess dar, inkluzi dawl u ilma, telefon, kera ta' l-istess u kull servizz iehor li gie uzat fl-istess dar u dan sad-data meta effittavament l-istess konvenut johrog u ma jibqax joqghod fl-istess dar, u dan konsidrat il-fatt li almenu mit-2 ta' Settembru 2002, l-istess konvenut kien qed jokkupa l-istess dar wahdu.

Ill dwar mobbli l-istess attrici qed tigi assenjata l-kamra tas-sodda tat-tifel u tat-tifla u l-*video recorder*, filwaqt li l-ghamara kollha l-ohra li tinsab elenkata fid-Dokument "ASF" a fol. 118 tal-process, u l-vettura tal-marka Skoda qed tigi assenjata lill-konvenut u dan anke peress li l-istess mobbli u vettura baqghu f'idejh esklussivament almenu mid-data tat-2 ta' Settembru 2002, b'dan pero' li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala kumpens ghal sehma mill-istess ghamara u vettura li l-istess konvenut baqa' wkoll igawdi fil-mori tal-kawza. L-istess ammont ghandu jithallas mill-konvenut mir-rikavat tal-bejgh ta' l-immobbli fuq deskritta, kif premess u hawn deciz.

Illi kwantu ghall-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet, jew wiehed jew wahda minnnhom, l-istess kontijiet u depositi bankarji, anke f'isem kull parti, inkluzi dawk depozitati fil-Bank of Valletta p.l.c. konsistenti f'*foreign currency account* (Fergha tal-Hamrun) u *savings account* indikati fil-verbal tad-9 ta' Marzu 2005 ghandu jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet;

5. Tichad din it-talba u dan peress li l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. Tal-Ligijiet ta' Malta)** qed jigi applikat biss kontra l-istess konvenut;

6. Tichad din it-talba *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u mhux applikabbli ghall-kaz *de quo;*

7. Tichad din it-talba *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------